# FIL-BAĦAR TAL-ĦAJJA

Jum wara jum, u qalbi nħossha tnaqqas
Mill-ħeġġa taż-żgħużija; x-xemx utieqa
Iżjed għalija ma tixrefx u l-anqas
Il-ħajja ma tidħakli. Msejkna ħliqa
Li jien! Ferħ, daħk, ġmiel, sebħ u hena taru;
Għebu mal-mewġ taż-żmenijiet għammieqa
L-uċuh ħelwin—l-uċuh li drabi ħmaru
Bid-demm ta' mħabbiet sħaħ jew bil-mistħija
Li xirfet, ħiemda, fil-għajnejn qawwija.

Ħsiebi, waqtiet, inħossu mingħajr ħajja,
Bħal min, issa li xjieħ, tilef kull tama,
U qed jittenna l-ħin ta' l-aħħar ġrajja
Meta l-qalb bierda tiksaħ daqs irħama.
Mhux għax għaddejt tas-snin il-medda twila
Inħoss li minn kull dawl jien qiegħed nagħma,
Imma l-għaliex ġo ruħi l-id qalila
Tan-niket ħonqot l-ogħna mħabba tiegħi,
U s-sliem li fi ċkuniti kien igħix miegħi.

Is-sliem! sabiħa l-kelma ddoqq f'widnejja,
U ruħi nħoss mill-ġdid terġa' bħal darba
Kbira fil-ħolm ferrieħi: fuq ħaddejja
La niket, la tnehida, l-ebda karba
Qatt ma għaddiet, u qatt ma dellu l-warda
Tal-hena safi: din il-qalb, bla mġarrba,
Mill-għasel tat-tfulija kienet tarda'...
Fejnek, ja żmien: konna ħbieb sew, u nfridna;
Għal dejjem logħob ċkunitna, għid, kif qridna?

Siġar dellija, fejnkom? lili, tfajjel,
Tafuni nilgħab fil-jiem sħan sajfija,
U l-weraq tagħkom tal-bellus, nistħajjel,
Kien jitgħaxxaq mhux ftit, u jifraħ bija.
U fil-ħarifa, l-weraq kien jitriegħed
Maż-żiffa u jaqa'; dak kien għors għalija,
Narah jinbaram ma' l-irjieħ.... jitbiegħed.
Le, qatt ma ħsibt li hekk għad jiġri lili,
U xejn sabiħ il-ħajja ma tħallili.

Għasafar hienja, fejn dil-ħabta nħbejtu ?
Semmgħuni l-għana li bil-ferħ jimlieni;
Kwiekeb tal-fidda, dawlkom jien ħabbejtu,
U mhux darba jew tnejn dan il-ħsieb ġieni
Li nilħaq fejnkom. Iddu, kwiekeb, iddu
Fuq din il-belt fejn qiegħed ngħix waħdieni :
Kemm hu aħjar li nkun fejn qegħdin tiddu
Hemm, fis-smewwiet, u naħkem b'ħarsa kbira
L-uċuh, xhieda tal-għaks, f'did-dinja lsira.

Jien ngħix: tal-jiem, tax-xhur, tas-snin il-mewġa
Tgħaddi u tħarbat kulma ssib quddiemha;
Jien nikber, nikber, u minn fuqi l-gewġa
Tal-ħalel tgerbeb, xejn ma tħoss indiema.
Raqdet ġo fija, mietet f'ruħi, l-ħila
Tat-tifel ċkejken, mietet magħha s-sliema.
Issa din ħajti, u issa dan għamilha,
Għalija x'jiswew qatt? Kuljum id-dnewwa
Nħossha tiżdied, kuljum toktor l-egħdewwa.

Imma rrid ngħixha din il-ħajja. Jiena
Ħabbejt u rgħext, 'ma mħabbti baqgħet sħiħa :
Għaddew is-snin, bħal ħafna rjieħ qalbiena,
Minn ruħi ma ħassrux l-għanja sabiħa.
Ngħix sabiex ngħajjex lilha, nibqa' nqimha
Lill-Musa tiegħi, ta' kull ħsieb nebbieħa.
Hi demmi, riżqi! hija biss tbissima
Titbissimli sikwit: ħlewwiet qawwija!
Hi d-dawl u l-ġmiel u l-ġid, il-Poeżija.

ĠUŻE CHETCUTI

*Awissu, 1936.*

*Għeluq it-22 sena tiegħi.*